# FONZU JQATTA’ GĦODWA MA’ MIĊU

**Kitba ta’ Suzanne Piscopo. Stampi ta’ Michael Piscopo.**

Kien is-Sibt filgħodu u Fonzu l-Fenek kien fil-kċina jiekol il-kolazzjon. Fix-xitwa kien iħobb jieħu skutella ħafur msajjar bi ftit passolina mħallta miegħu. Bħala xarba kien jieħu tazza ħalib. Fonzu ried li snienu jkunu b’saħħithom, bojod u sbieħ.

Ħin minnhom ċemplet il-qanpiena tal-bieb. Kien Miċu l-Qattus fuq ir-rota. Fonzu u Miċu kienu ftiehmu biex dakinhar jgħaddu ftit siegħat flimkien. Miċu daħħal ir-rota fil-parapett u neża’ l-elmu.

Fonzu offra lil Miċu tazza ħalib u dan xorobha bil-qalb.



Imbagħad Fonzu żbarazza l-mejda u ħareġ borża kollha bolol. Kemm Fonzu kif ukoll Miċu kienu jħobbu jġemmgħu l-bolol. Kienu jpartu ma’ xulxin u meta jkollhom iż-żejda kienu jeħduhom l-Uffiċċju Missjunarju.

“Lola n-Nannakola tatni ftit bolol minn fuq ittri li rċeviet mingħand iz-zijiet tagħha li jgħixu l-Awstralja,” qal Fonzu lil Miċu. “U jiena ġabitli ftit ħabiba tiegħi mix-xogħol tagħha,” qal Miċu waqt li ħareġ borża mill-but. “Kważi kollha tal-Amerka t’Isfel. Ara… dan tempju sabiħ fil-muntanji għoljin tal-Peru’. Jismu *Machu Picchu*. U dawn l-*Iguazu Falls*, kaskati li qegħdin bejn il-Brażil u l-Arġentina.




Kbar daqs in-*Niagara Falls* tal-Kanada, jekk mhux ikbar.”

“Kemm huma sbieħ dawn il-postijiet!” qal Fonzu. “Nixtieq inżurhom xi darba. Il-bolol li għandi jien juru xeni mill-Awstralja. Ara… din is-*Sydney Opera House*. Bini mill-isbaħ. U dan il-*Great Barrier Reef* fejn hemm ħafna ħut ta’ kull tip u qroll minn kull kulur.”

Fonzu u Miċu partu xi bolol, imbagħad refgħu kollox u lestew biex imorru dawra bir-rota. Fonzu ħareġ ir-rota tiegħu mill-garaxx u ż-żewġt iħbieb libsu l-elmu u telqu.

Illum kien imiss li jiġbdu lejn il-kosta. It-temp kien mill-isbaħ -- sema blu u ftit żiffa ħelwa.

